MALTA

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-07 ta' Lulju, 2017.**

**Talba numru 112/2017 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 29**

**Gasan Mamo Insurance Limited (C3143) hekk kif issurrogata fid-drittijiet ta' l-istess assikurat taghha Narcy Abdilla (ID 18572M) sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Narcy Abdilla**

**Vs**

**Vince Micallef (ID 706060M)**
**Simblu Diesel Services**
**New Street,**
**Mdina Road,**
**Zebbug**

**Sentenza preliminari**

**It-Tribunal**

Din hija sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sollevata mill-konvenut cioe' il-preskrizzjoni ta' sentejn.

Ra l-avviz tat-talba li permezz taghha s-Socjeta' attrici qed titlob il-hlas ta' danni mhallsa minnha lill-asskurat taghha Narcy Abdilla sofra danni bil-vettura tieghu li ghandha numru ta' registrazzjoni ABP 067 liema incident sehh fis-06 ta' Gunju, 2012 u liema danni allegatament gew kagunati mill-attur.

Ra l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni sollevata mill-attur dik ta' sentejn ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap 16.

Ra l-verbal tas-seduta tat-23 ta' Gunju, 2017 li permezz taghha l-konvenut iddikjara li jistrieh fuq l-provi prodotti dwar din l-eccezzjoni filwaqt li s-Socjeta' attrici prezentat il-provi dokumentarji taghha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ra li mill-provi prodotti dwar din l-eccezzjoni jirrizulta dan li gej:

L-incident sehh fis-06 ta' Gunju, 2012;

Il-konvenut gie notifikat bl-ittra ufficjali fit-02 ta' Awwissu, 2013;

Ra li l-proceduri kontra l-konvenut quddiem ic-Centru Malti tal-Arbitragg gew intavolati fis-sena 2014 u d-decizjoni tal-15 ta' Frar, 2017 dwar il-kompetenza tal-istess Tribunal;

Ra li l-Avviz tat-Talba gie prezentat fis-07 ta' Marzu, 2017;

Ra l-Artikolu 2117A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghmilha cara u tassativa li proceduri quddiem t-Tribunal tal-Arbitragg li ai fini ta' preskrizzjoni tali proceduri jkollhom l-istess effett ta' azzjoni gudizzjarja quddiem Qorti kompetenti.

Ra li dawn il-proceduri gew intavolati fi zmien sentejn mid-data tal-incident tenut kont li l-konvenut kien gie debitament notifikat bl-ittra ufficjali fit-02 ta' Awwissu, 2013.

Ra li s-Socjeta' attrici ottemperat ruhha mad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 2132(2) Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u intavolat din l-kawza fi zmien stipulat skont dan is-sub artikolu.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-eccezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni u jordna l-prosegwiment tal-kawza.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**